# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 20/25/F

**Doris Fenech**

**vs**

**Bajada New Energy**

Illum, 19 ta' Mejju 2025

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-30 ta' Jannar 2025;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata fis-26 ta' Frar 2025;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti tilmenta li minkejja li kienu reklamati bħala li joperaw bil-*WiFi*, tnejn mit-tlett *AC units* tal-marka LG li xtrat u ġew konsenjati mill-azjenda intimata fil-fatt ma kienux joperaw bil-WiFi imma biss hekk imsejħa *WiFi ready*. In kwantu ta' rimedju, titlob li jew jinħall il-kuntratt, jiġu ritornati l-*ACs* u tiġi rifuża s-somma ta' €1,487.98 jew inkella li l-azjenda intimata tiġi ordnata tforni u tinstalla *WiFi kit* oriġinali tal-manifattur.

Illi l-azjenda intimata tirribatti li l-*AC units* li effettivament ordnat ir-Rikorrenti ma jiġux bil-konnessjoni tal-*WiFi* inkluża, biss il-*unit* tal-18 BTU inzerta għandu l-konnessjoni tal-*WiFi* għax tawha *upgrade* gratis biex tingħalaq l-

ordni fl-anqas żmien minħabba li minn dawk biss kien hemm disponibbli f'dak il-mument.

Illi mid-dokumentazzjoni eżebita mill-azjenda intimata stess, jirriżulta li kemm iż-żewġ *AC units* tat-12 BTU kif ukoll dak tal-18 BTU huwa demarkati bin-nomenklatura "AC LG Libero S" mingħajr differenzjazzjoni. Intant, il-*brochures* kummerċjali tal-ACs LG li ppreżentat l-azjenda intimata huma konfużjonali fis-sens li jirreferu għal xejn anqas minn tlett mudelli differenti, u ċioè "Libero-S", "New Standrad Plus" u "Libero Plus".

Illi gialadarba d-dokument tal-ordni u d-dokument tal-konsenja eżebiti jindikaw il-mudell "Libero S", allura dak li huwa relevanti f'għajnejn it-Tribunal huwa l-*brochure* ta' dak il-mudell u xejn iżjed (li huwa eżebit bħala "Doc C1 BNE"). Issa f'dak id-dokument hemm indikat li l-mudell huwa munit bil-funzjonalità ta' "*Smart Diagnosis*" li "*allows you to check setup, installation, troubleshooting and other information conveniently from your smatphone*". It-Tribunal jifhem li dan jista' jsir biss kemm il-darba jkun hemm konnettività elettronika bejn l-*AC unit* u l-i*smartphone* tal-utent. Jifhem ukoll li l-ordni tar-Rikorrenti saret a bażi ta' dan il-*brochure*. Għalhekk, l-aspettattiva tal-konsumatur hija li jiġi konsenjat prodott skont kif imwiegħed fl-informazzjoni promozzjonali.

Illi mill-assjem taċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jifhem li ż-żewġ *AC units* tat-12 BTU konsenjati lir-Rikorrenti mill-azjenda intimata m'humhiex tal-ispeċifikazzjonijiet indikati fil-*brochure* bħala "LG Libero-S" bħal ma fil-fatt hemm ukoll indikat fid-dokument tal-ordni. Mill-banda l-oħra, l-*AC unit* tal-18 BTU konsenjat kien hekk konformi. Għalhekk, fuq bażi ta' probabilità, it-Tribunal iqis li ż-żewġ *AC units* in kwistjoni ma jaqblux eżattament ma dak li ġie mwiegħed (ara l-Artikolu 73 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta) u t-Talba ser tiġi akkolta minħabba dan il-fatt.

Illi in kwantu ta' rimedju, it-Tribunal ra l-korrispondenza skambjata bejn ir-Rikorenti u Pierre Paul Mangion f'isem l-azjenda intimata eżebita in atti fejn hemm indikat illi hemm possibilità li ssir *retrofit* ta' *WiFi card* fl-*AC units* in kwistjoni sabiex dawn jiġu jaħdmu bil-*WiFi*, biss l-azjenda intimata kienet qed titlob ħlasijiet konsiderevoli sabiex tagħmel dan.

Illi wara li ra ukoll l-Artikolu 75 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta u in vista taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal huwa tal-fehma l-azjenda intimata għandha tiġi ordnata ġġib iż-żewġ *AC units* konċernati in konformità

billi a spejjeż esklussivi taħgha, tforni u tinstalla *WiFi cards* oriġinali tal-manifattur li huma kompatibbli magħhom.

**Deċiżjoni:**

**Għalqastant, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahar, tforni u tinstalla a spejjeż esklussivi tagħha *WiFi cards* LG oriġinali kompatibbli maż-żewġ *AC units* tat-12 BTU tar-Rikorrenti.**

**L-ispejjeż kollha jinġarru mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)**
***Arbitru***